



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 90/23

il-Lussemburgu, 6 ta' Ġunju 2023

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-700/21 | O. G. (Mandat ta' arrest Ewropew kontra ċittadin ta' Stat terz)

Il-possibbiltà ta' rifjut ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew sabiex il-piena tiġi skontata fl-Istat Membru ta' residenza għandha tapplika wkoll għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi

L-awtorità ġudizzjarja għandha tkun tista' tevalwa jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikunx suffiċjentement integrat fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, u jekk ikunx jeżisti, għalhekk, interess leġittimu li jiġġustifika li l-piena imposta fl-Istat Membru emittenti tiġi skontata fit-territorju tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni

Fit-13 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Braşov ħarġet mandat ta' arrest Ewropew (iktar 'il quddiem il-"MAE") kontra ċittadin Moldovan, għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena li ċċaħħad il-libertà. Il-Qorti tal-Appell ta' Bologna hija l-awtorità ġudizzjarja li għandha tagħti deċiżjoni dwar il-konsenja tal-persuna rikjesta għaliex din tal-aħħar toqgħod l-Italja. Minkejja li d-difiża tagħha stabbilixxiet in-natura fit-tul tal-istabbiliment tal-familja u professjonali tiegħu fl-Italja, l-awtorità ġudizzjarja li għandha tagħti deċiżjoni fl-Italja ma għandiex il-possibbiltà li tirrifjuta l-konsenja lir-Rumanija sabiex il-piena tiġi skontata fl-Italja. Fil-fatt, skont il-liġi Taljana li tittrasponi d-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE ¹, din il-possibbiltà hija limitata biss għaċ-ċittadini Taljani u għaċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni li għandhom rabtiet mal-Italja, bl-esklużjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Peress li qieset li din id-differenza fit-trattament ma hijiex ġustifikata, il-Qorti tal-Appell ta' Bologna adixxiet lill-Qorti Kostituzzjonali Taljana. Din tqis li, qabel ma jiġi vverifikat jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali hijiex konformi mal-kostituzzjoni Taljana, għandu jiġi eżaminat jekk din hijiex konformi mad-dritt tal-Unjoni. Id-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE tipprevedi l-possibbiltà li l-Istati Membri jagħtu lill-qorti l-possibbiltà li jirrifjuta li jeżegwixxi l-MAE meta l-persuna rikjesta toqgħod fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, tkun ċittadin tiegħu jew tirsisjedi fih, u li dan l-Istat jimpjenja ruħu li jeżegwixxi din il-piena konformement mad-dritt nazzjonali tiegħu. Peress li din id-dispożizzjoni ma tillimitax il-kamp ta' applikazzjoni tagħha biss għaċ-ċittadini tal-Unjoni, il-Qorti Kostituzzjonali Taljana għamlet domandi dwar dan lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Fis-sentenza tagħha tal-Illum, **il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tirispondi li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li teskludi b'mod assolut u awtomatiku mill-benefiċċju tal-imsemmiġja raġuni għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiva tal-MAE lil kull ċittadin ta' pajjiżi terzi, li joqgħod jew jirrisjedi fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, mingħajr ma l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tkun tista' tevalwa r-rabtiet ta' dan iċ-ċittadin mal-imsemmi Stat Membru.** Tali leġiżlazzjoni nazzjonali tmur kontra l-prinċipju ta' **ugwaljanza f'għajnejn il-liġi stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea** meta din tittratta b'mod differenti, minn naħa, liċ-ċittadini tal-Istat Membru li jkollu jagħti deċiżjoni u liċ-ċittadini l-oħra tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, mingħajr ma tiegħu inkunsiderazzjoni l-fatt li anki dawn tal-aħħar jista'

¹ Deċiżjoni Qafas 2002/584/JAI tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 4, rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 34).

jkollhom livell ta' integrazzjoni suffiċjenti fi ħdan is-soċjetà tal-imsemmi Stat Membru, li jiġġustifika li dawn jiskontaw fih il-piena deċiża fl-Istat Membru emittenti.

L-applikazzjoni tar-raġuni għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiva inkwistjoni hija suġġetta għas-sodisfazzjoni ta' żewġ rekwiżiti. L-ewwel wieħed huwa **li l-persuna rikjesta tkun toqgħod fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, tkun ċittadina tiegħu jew tkun tirrisjedi fih.** It-tieni wieħed huwa **li dan l-Istat jimpenja ruħu li jeżegwixxi, konformement mad-dritt nazzjonali tiegħu, il-piena li għaliha jkun inħareġ il-MAE.** Il-Qorti tal-Ġustizzja tispjega, fir-rigward tal-ewwel rekwiżit, li ma hemm xejn li jipprekludi il Stat Membru milli jissuġġetta, għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-benefiċċju tar-raġuni għal nuqqas ta' eżekuzzjoni għar-rekwiżit li dawn iċ-ċittadini jkunu joqgħodu jew jirrisjedu f'dan l-Istat għal perijodu mhux interrott minimu.

Meta **l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni** tikkonstata li ż-żewġ rekwiżiti jkunu ssodisfatti, hija **għandha wkoll tevalwa jekk jeżistix interess leġittimu li jiġġustifika li l-piena imposta fl-Istat Membru emittenti tiġi skontata fit-territorju tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.** Din l-evalwazzjoni tippermetti t-teħid inkunsiderazzjoni tal-għan imfittex mid-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE, li huwa dak li jiżdiedu l-possibilitajiet, wara li l-persuna rikjesta tkun skontat il-piena li għaliha tkun ġiet ikkundannata, ta' riabilitazzjoni soċjali.

Għalhekk, hija l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li għandha twettaq **evalwazzjoni globali tal-elementi konkreti kollha li jikkaratterizzaw is-sitwazzjoni tal-persuna rikjesta,** li jistgħu jindikaw jekk bejn din il-persuna u l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jkunux jeżistu **rabtiet b'tali mod li l-eżekuzzjoni tal-piena fl-imsemmi Stat Membru, fejn hija toqgħod jew tirrisjedi, tkun tista' tikkontribwixxi għar-riabilitazzjoni soċjali tiegħu.** Fost dawn l-elementi hemm ir-rabtiet familjari, lingwistiċi, kulturali, soċjali jew ekonomiċi li ċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikollu mal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni kif ukoll in-natura, it-tul u l-kundizzjonijiet tas-soġġorn tiegħu f'dan l-Istat Membru.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u s-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ibqgħu konnessi!

